

Linji Gwida dwar ir-rikonoxximent u l-valwazzjoni ta' assi u ta' obligazzjonijiet minbarra dispożizzjonijiet tekniċi

1. Introduzzjoni

- 1.1. Dawn il-Linji Gwida huma abbozzati skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem ir-Regolament dwar l-EIOPA)¹.
- 1.2. Il-Linji Gwida huma relatati mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (minn hawn 'il quddiem id-Direttiva Solvibbiltà II)² u l-Artikoli 7 sa 16 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/35³.
- 1.3. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet superviżorji skont id-Direttiva Solvibbiltà II.
- 1.4. Dawn il-Linji Gwida huma intiżi biex jiffaċilitaw il-konverġenza ta' prattika professjonali fl-Istati Membri kollha u jappoġġjaw lill-impriżi fir-rikonoxximent u l-valwazzjoni ta' assi u ta' obligazzjonijiet minbarra dispożizzjonijiet tekniċi.
- 1.5. Id-Direttiva Solvibbiltà II u r-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 ġeneralment jipprevedu li l-impriżi jirrikonoxxu u jivvalutaw assi u obligazzjonijiet minbarra dispożizzjonijiet tekniċi skont l-Istandards Internazzjonali tar-Rappurtar Finanzjarju (minn hawn 'il quddiem "IFRS") adottati mill-Kummissjoni Ewropea skont ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴, flief fejn dan ma jkunx konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva Solvibbiltà II.
- 1.6. Ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 jiddefinixxi b'mod ċar il-każijiet li fihom il-metodi ta' valwazzjoni ma jkunux konsistenti mal-approċċ ta' valwazzjoni stabbilit fl-Artikolu 75 tad-Direttiva Solvibbiltà II, u għalhekk, għandhom jiġi applikati prinċipji ta' valwazzjoni jew aġġustamenti oħra minbarra l-IFRS.
- 1.7. L-Artikolu 9(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 stabbilixxa dawk il-kriterji li għandhom jiġu sodisfatti jekk impriża tkun tixtieq tirrikonoxxi u tivvaluta assi jew obligazzjoni abbażi tal-metodu ta' valwazzjoni li tuża għat-tnejn tar-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati tagħha. B'mod intenzjonat l-EIOPA ma vvalutatx liema prinċipji kontabilistiċi lokali, li jintużaw fir-rapporti finanzjarji annwali jew konsolidati, ser ikunu konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva Solvibbiltà II. Madanakollu, l-EIOPA pprovdiet informazzjoni dwar il-prinċipji stabbiliti fid-Direttivi tal-Kontabbiltà.
- 1.8. Dawn il-Linji Gwida jirreferu għar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, li jispeċifika l-prinċipji ta' rikonoxximent u ta' kejl għall-valwazzjoni ta' assi u ta'

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1094/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tal-Assigurazzjoni u l-Pensjonijiet tax-Xogħol), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/79/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 48)

² Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 335, 17.12.2009, p.1)

³ Ir-Regolament Iddelegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/35 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta d-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negożju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvibbiltà II) (ĠU L 12, 17.01.2009, p. 1)

⁴ Ir-Regolament (KE) Nru 1606/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Lulju 2002 rigward l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali tal-kontabbiltà (ĠU L 243, 11.9.2002, p.1)

obbligazzjonijiet minbarra dispożizzjonijiet tekniċi. Fejn il-Linja Gwida jirreferu għal "valwazzjoni", din hija definita bħala valutazzjoni (valwazzjoni) skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva Solvibbiltà II.

1.9. Jekk ma jkunux definiti f'dawn il-Linji Gwida, it-termini jkollhom it-tifsira definita fl-atti legali msemmijin fl-introduzzjoni.

1.10. Il-Linja Gwida għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.

Linja Gwida 1 – Materjalità

1.11. Meta jkunu qegħdin jivvalutaw assi u obbligazzjonijiet, l-impriżi għandhom iqisu l-prinċipju ta' materjalità kif stabbilit fil-Premessa 1 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35. Fir-rigward tal-valutazzjoni tal-materjalità, għandu jiġi rikonoxxut li l-kejl trimestrali jista' jiddependi minn stimuli u metodi ta' stima sa grad oġġla mill-kejl ta' data finanzjarja annwali.

Linja Gwida 2 – Konsistenza fl-applikazzjoni ta' metodi ta' valwazzjoni

1.12. L-impriżi għandhom japplikaw it-tekniki ta' valwazzjoni b'mod konsistenti. L-impriżi għandhom iqisu wkoll jekk bħala riżultat ta' bidla fiċ-ċirkostanzi, inklużi dawk elenkati hawn taħt, hijiex meħtieġa bidla fit-tekniki ta' valwazzjoni jew fl-applikazzjoni tagħhom fuq il-bażi li din il-bidla ser twassal għal kejl aktar xieraq skont l-Artikolu 75 tad-Direttiva Solvibbiltà II.

Dawn il-bidliet jistgħu jinkludu dan li ġej:

- a) żviluppi ġodda tas-suq li jbiddu l-kundizzjonijiet tas-suq;
- b) issir disponibbli informazzjoni ġdida;
- c) ma tkunx għadha disponibbli informazzjoni li tkun intużat qabel;
- d) titjib fit-tekniki ta' valwazzjoni.

Linja Gwida 3 – Proprjetà ta' investiment u proprjetajiet oħra: metodi alternattivi ta' valwazzjoni

1.13. Għall-fini tal-Artikolu 10 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 meta jkunu qegħdin jivvalutaw proprjetà ta' investiment u proprjetajiet oħra, l-impriżi għandhom jagħżlu l-metodu skont l-Artikolu 10(7) tiegħu li jipprevedi l-istima l-aktar rappreżentattiva tal-ammont li għalih l-assi jistgħu jiġu skambjati bejn partijiet infurmati u disposti f'tranżazzjoni distakkata. Skont l-Artikolu 10(6) ta' dak ir-regolament dawn il-metodi għandhom ikunu bbażati fuq dan li ġej:

- a) prezzijiet attwali f'suq attiv għal proprjetajiet ta' natura, kundizzjoni jew post differenti, jew soġġetti għal lokazzjoni differenti jew termini kuntrattwali oħra, aġġustati biex jirriflettu dawk id-differenzi;
- b) prezzijiet reċenti ta' proprjetajiet simili fi swieq anqas attivi, b'aġġustamenti biex jirriflettu kwalunkwe bidla fil-kundizzjonijiet ekonomiċi mid-data tat-tranżazzjonijiet li seħħew b'dawk il-prezzijiet;

c) projezzjonijiet ta' flussi ta' flus skontati bbażati fuq stimi affidabbli ta' flussi ta' flus futuri, appoġġjati mit-termini ta' kwalunkwe lokazzjoni eżistenti u ta' kuntratti oħra u, meta jkun possibbli, permezz ta' evidenza esterna bħal kirjiet tas-suq attwali għal proprjetajiet simili fl-istess post u kundizzjoni u li jużaw rati ta' skont li jirriflettu valutazzjonijiet tas-suq attwali tal-inċertezza fl-ammont u fil-ħin tal-flussi tal-flus.

1.14. F'xi każijiet, l-inputs differenti elenkati hawn fuq jistgħu jissuġġerixxu valutazzjonijiet differenti ta' proprjetà. Impriża għandha tqis ir-raġunijiet għal dawk id-differenzi, sabiex tiddetermina l-istima ta' valwazzjoni l-aktar rappreżentattiva fil-firxa ta' stimi.

1.15. Meta impriżi jstabbilixxu l-valwazzjoni tal-proprjetà għandhom iqisu l-kapaċità ta' parteċipant fis-suq li jiġġenera benefiċċji ekonomiċi billi jagħmel l-oġġetti u l-aħjar użu mill-proprjetà, jew billi jbiegħu l-proprjetà lil parteċipant ieħor fis-suq li jista' jagħmel l-akbar u l-aħjar użu minnha.

Linja Gwida 4 – Proprjetà ta' investiment u proprjetajiet oħra: evidenza li ssostni l-valwazzjoni

1.16. Jekk il-valwazzjoni tal-karta bilanċjali tkun ibbażata fuq stima formali, jew fuq informazzjoni oħra, qabel id-data tal-karta bilanċjali, l-impriżi għandhom ikunu jistgħu juru lill-awtorità superviżorja tagħhom li jkun saru l-aġġustamenti kollha meħtieġa biex jirriflettu bidliet fil-valur bejn id-data tal-istima formali jew ta' informazzjoni oħra u id-data tal-karta bilanċjali.

Linja Gwida 5 – Obligazzjonijiet finanzjarji u affidabbiltà kreditizja propja

1.17. Meta jkun qegħdin jivvalutaw obligazzjonijiet finanzjarji, l-impriżi għandhom jużaw tekniki biex jiġi stabbilit valur li bih l-obbligazzjonijiet jistgħu jiġu trasferiti, jew saldati bejn partijiet infurmati u disposti fi tranżazzjoni distakkata, eskluż kwalunkwe aġġustament biex jitqiesu l-bidliet fl-affidabbiltà kreditizja propja tal-impriża wara r-rikonossiment inizjali. Dawn it-tekniki jistgħu jkun bbażati jew fuq:

- a) approċċ axxendenti; jew
- b) approċċ dixxendenti.

1.18. F'approċċ axxendenti, l-impriżi għandhom jiddeterminaw l-affidabbiltà kreditizja propja tagħhom waqt ir-rikonossiment tal-obbligazzjoni finanzjarja speċifika. Il-parti tal-firxa tal-kurva tal-iskont li tirrigwarda l-affidabbiltà kreditizja propja għandha tinżamm kostanti wara r-rikonossiment inizjali tagħha. F'valwazzjonijiet sussegwenti l-valur jiġi kkalkulat billi jiġu stabbiliti l-bidliet fil-valur li jirriżultaw minn bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq li jaffettwaw il-valur tal-obbligazzjoni finanzjarja, ħlief għal bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq li jaffettwaw ir-riskju tal-kreditu propju.

1.19. Meta impriżi jivvalutaw bidliet fil-kundizzjonijiet tas-suq li jwasslu għal riskju tas-suq, dawn għandhom tal-inqas jivvalutaw il-bidliet fil-kurva rilevanti tar-rata tal-imgħax mingħajr riskju, prezz ta' prodott bażiku, rata tal-kambju jew indiċi ta' prezzijiet jew ta' rati.

1.20. F'approċċ dixxendenti, l-impriżi għandhom jiddeterminaw l-ammont tal-bidla fil-valwazzjoni ta' obbligazzjoni finanzjarja li jkun attribwibbli għal bidliet fir-riskju tal-kreditu propju tal-impriża u jeskluduh mill-valwazzjoni.

Linja Gwida 6 – Parteċipazzjoni f'impriżi relatati: Metodu tal-ekwità skont I-IFRS

1.21. Meta impriżi jivvalutaw l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' impriża relatata permezz tal-metodu tal-ekwità skont I-IFRS skont l-Artikolu 13(5) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, u jekk dawk l-impriżi relatati jużaw qafas ta' kontabbiltà minbarra l-IFRS, l-impriżi għandhom jagħmlu aġġustamenti fejn dan ikun meħtieġ biex l-assi u l-obbligazzjonijiet ta' dik l-impriża relatata jiġu rikonoxxuti u vvalutati skont I-IFRS.

1.22. Meta tkun qiegħda tapplika l-Artikolu 13(5) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, impriża għandha tkun tista' tipprovdi ġustifikazzjoni lill-awtorità superviżorja tagħha dwar ir-raġuni għaliex ma tkunx ikkalkulat l-eċċess tal-assi fuq l-obbligazzjonijiet għal impriżi relatati skont l-Artikolu 13(4) tiegħu.

Linja Gwida 7 – Parteċipazzjoni f'impriżi relatati: metodi alternattivi ta' valwazzjoni

1.23. Meta impriżi jivvalutaw parteċipazzjoni f'impriżi relatati permezz ta' metodi alternattivi ta' valwazzjoni skont l-Artikolu 13(1)(c) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35, għandhom ikunu jistgħu jispjegaw lill-awtorità superviżorja tagħhom għaliex mhux possibbli li jerġgħu jivvalutaw l-assi u l-obbligazzjonijiet tal-impriża relatata permezz tal-metodu ta' valwazzjoni predefinit jew tal-metodu tal-ekwità aġġustat.

Linja Gwida 8 - Obligazzjonijiet kontinġenti: Obligazzjonijiet kontinġenti li jirriżultaw minn arranġamenti ta' elementi anċillari ta' fondi proprji

1.24. Meta jidħlu f'arranġament li jirrappreżenta element anċillari ta' fondi proprji għall-kontroparti, l-impriżi għandhom jivvalutaw bir-reqqa jekk jirrikonoxxux l-obbligazzjoni kontinġenti korrispondenti bħala obbligazzjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

1.25. L-impriżi għandhom ikunu jistgħu jipprovdu ġustifikazzjoni lill-awtorità superviżorja fejn dawn ma jkunux irrikonoxxew obbligazzjoni kontinġenti f'ċirkostanzi fejn ikunu daħlu f'arranġament ma' impriża oħra, inkluż ma' kwalunkwe impriża oħra li tappartjeni għall-grupp, u li dak l-arranġament ikun irċieva l-approvazzjoni bħala element ta' fondi proprji.

Linja Gwida 9 - Taxxi differiti – rikonoxximent u valwazzjoni

Skontar ta' taxxi differiti

1.26. Impriżi ma għandhomx jiskontaw assi u obligazzjonijiet ta' taxxa differita.

Tpaċija ta' assi u obligazzjonijiet ta' taxxa differita fuq il-karta bilanċjali f'Solvibbiltà II

1.27. Impriża għandha tpaċi l-assi ta' taxxa differita u l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita biss, jekk ikollha dritt legalment infurzabbli li tpaċi assi kurrenti ta' taxxa ma' obligazzjonijiet kurrenti ta' taxxa; u jekk l-assi ta' taxxa differita u l-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita jkunu relatati ma' taxxi miġburin mill-istess awtorità tat-taxxa fuq l-istess impriża taxxabbli.

Rikonoxximent u valwazzjoni ta' assi netti ta' taxxa differita

1.28. Meta ma jkunx hemm biżżejjed differenzi temporanji taxxabbli, li jkunu mistennija jitreggħu lura matul l-istess perjodu tat-treġġiġħ lura mistenni tad-differenzi temporanji deduċibbli, l-impriża għandha tqis il-possibbiltà li jirriżultaw profitti taxxabbli matul l-istess perjodu tat-treġġiġħ lura tad-differenzi temporanji deduċibbli jew fil-perjodi li fihom telf ta' taxxa li jirriżulta mill-assi ta' taxxa differita jista' jinġarr lura jew 'il quddiem.

1.29. Meta tkun qiegħda tagħmel projezzjonijiet ta' profitti taxxabbli u tivvaluta l-probabbiltà li fil-futur ser jirriżultaw biżżejjed profitti taxxabbli, impriża għandha:

- a) tiegħu inkusinderazzjoni li anki storja ta' qligħ qawwi tista' ma tipprovdi evidenza oġġettiva biżżejjed ta' profittabbiltà futura;
- b) tiegħu inkusinderazzjoni li l-grad ta' inċertezza relatat mal-profitti taxxabbli futuri li jirriżulta minn żidiet ġodda mistennijin ta' negozju jżied hekk kif jitwal l-orizzont tal-projezzjoni, u b'mod partikolari meta dawn il-profitti projettati jkunu mistennijin jinqalġu f'perjodi lil hinn miċ-ċiklu normali ta' ppjanar tal-impriża;
- c) tqis li ċerti regoli tat-taxxa jistgħu jdewmu jew jirrestrinġu l-irkupru tat-telf ta' taxxa mhux użat u tal-krediti ta' taxxa mhux użati;
- d) tevita l-għadd doppju: profitti taxxabbli li jirriżultaw mit-treġġiġħ lura ta' differenzi temporanji taxxabbli għandhom jiġu esklużi mill-istima ta' profitti taxxabbli futuri fejn dawn ikunu ntużaw biex jappoġġjaw ir-rikonoxximent ta' assi ta' taxxa differita;
- e) tiżgura li meta tkun qiegħda tagħmel projezzjonijiet ta' profitti taxxabbli, dawn il-projezzjonijiet ikunu kemm kredibbli kif ukoll ġeneralment konsistenti mas-suppożizzjonijiet magħmulin għal flussi tal-flus oħrajn projettati. B'mod partikolari, is-suppożizzjonijiet sottostanti għall-projezzjonijiet għandhom ikunu konsistenti ma' daww sottostanti għall-valwazzjonijiet ta' dispożizzjonijiet tekniċi u ta' assi fuq il-karta bilanċjali tas-solvenza.

Linja Gwida 10 - Taxxi differiti – dokumentazzjoni

1.30. Fuq talba, l-impriża għandhom ikunu jistgħu tal-anqas jipprovdu lill-awtoritajiet superviżorji, b'informazzjoni bbażata fuq ir-rekords tal-impriża:

- a) dwar sorsi ta' differenzi temporanji li jistgħu jwasslu għar-rikonoxximent ta' taxxi differiti;
- b) dwar il-prinċipji ta' rikonoxximent u ta' valwazzjoni applikati għal taxxi differiti;
- c) fir-rigward ta' kull tip ta' differenza ta' żmien u għal kull tip ta' telf ta' taxxa mhux użat u ta' kreditu ta' taxxa mhux użat, il-kalkolu tal-ammont tal-assi jew tal-obbligazzjonijiet ta' taxxa differita rikonoxxut, kif ukoll suppożizzjonijiet sottostanti relatati ma' dak l-ammont;
- d) li tiddekrivi r-rikonoxximent ta' assi ta' taxxa differita, li tal-anqas tinkludi:
 - l-eżistenza ta' kwalunkwe differenza temporanja taxxabbli relatata mal-istess awtorità tat-taxxa, mal-istess impriża taxxabbli u mal-istess tip ta' taxxa li hija mistennija titreġġa' lura matul l-istess perjodu li fih isir it-treġġiġħ lura mistenni tad-differenza temporanja deduċibbli jew, skont kif ikun il-każ, kieku tirriżulta f'ammonti taxxabbli li kontribom it-telf ta' taxxa mhux użat jew il-krediti ta' taxxa mhux użati jistgħu jintużaw qabel ma jiskadu;
 - meta ma jkunx hemm biżżejjed differenzi temporanji taxxabbli relatati mal-istess awtorità tat-taxxa, mal-istess impriża taxxabbli u mal-istess tip ta' taxxa, dokumentazzjoni li turi li huwa probabbli li l-entità ser ikollha biżżejjed profitti taxxabbli relatati mal-istess awtorità tat-taxxa u mal-istess impriża taxxabbli u mal-istess tip ta' taxxa fl-istess perjodu li fih isir it-treġġiġħ lura tad-differenza temporanja deduċibbli jew fil-perjodi li fihom telf ta' taxxa li jirriżulta mill-assi ta' taxxa differita jista' jinġarr lura jew 'il quddiem jew, skont kif ikun il-każ, li huwa probabbli li l-impriża ser ikollha profitti taxxabbli qabel jiskadi t-telf ta' taxxa mhux użat jew il-krediti ta' taxxa mhux użati.
- e) dwar l-ammont u d-data ta' skadenza, jekk ikun hemm, ta' differenzi temporanji deduċibbli, ta' telf ta' taxxa mhux użat u ta' krediti ta' taxxa mhux użati li għalihom l-assi ta' taxxa differita jkunu rikonoxxuti jew le.

Linja Gwida 11 – Trattament ta' taxxa differita fejn l-impriża jkunu esklużi minn superviżjoni tal-grupp

1.31. L-impriża għandhom japplikaw il-prinċipji li ġejjin għar-rikonoxximent ta' tassazzjoni differita fejn impriża relatati jkunu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni ta' superviżjoni tal-grupp skont l-Artikolu 214(2) tad-Direttiva Solvibbiltà II:

- a) fejn parteċipazzjoni f'impriża relatati tkun eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' superviżjoni tal-grupp skont l-Artikolu 214(2)(a) tad-Direttiva Solvibbiltà II, it-taxxa differita relatata ma' dik l-impriża eskluża

m'għandhiex tkun rikonoxxuta la fil-livell individwali u lanqas fil-livell tal-grupp;

- b) fejn parteċipazzjoni f'impriżi relatati tkun eskluża mill-kamp ta' applikazzjoni ta' superviżjoni tal-grupp skont l-Artikolu 214(2)(b) jew (c) tad-Direttiva Solvibbiltà II, it-taxxa differita relatata ma' dik l-impriża relatata ma għandhiex tkun rikonoxxuta fil-livell tal-grupp.

Linja Gwida 12 – Applikazzjoni ta' metodi ta' valwazzjoni użati għal rapporti finanzjarji annwali u konsolidati skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35

- 1.32. Impriżi li japplikaw id-deroga fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35 għandhom iqisu l-Linji Gwida 1, 2, 4, 5 u 8 sa 11, kif ukoll it-tabella ta' tqabbil fl-Anness Tekniku 1 bħala referenza, meta jkunu qegħdin jiddeterminaw jekk il-valwazzjonijiet ikunux konsistenti mal-Artikolu 75 tad-Direttiva Solvibbiltà II. L-Anness Tekniku huwa parti integrali minn din il-Linja Gwida.
- 1.33. Impriżi li huma fil-kamp ta' applikazzjoni ta' konsolidazzjoni ta' grupp li jkunu qegħdin iħejju rapport finanzjarju konsolidat skont l-IFRS ma għandhomx japplikaw id-deroga fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament ta' Delega (UE) 2015/35.

Regoli ta' Konformità u ta' Rappurtar

- 1.34. Dan id-dokument fih Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament EIOPA. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament EIOPA, l-Awtoritajiet Kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida u r-rakkomandazzjonijiet.
- 1.35. L-awtoritajiet kompetenti li jikkonformaw jew li beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida għandhom jintegrawhom fil-qafas regolatorju jew superviżorju tagħhom b'mod xieraq.
- 1.36. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonfermaw lill-EIOPA jekk jikkonformawx jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, b'raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, fi żmien xahrejn wara l-ħruġ tal-verżjonijiet tradotti.
- 1.37. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jiġu kkunsidrati bħala mhux konformi mar-rappurtar u għandhom jiġu rrapportati bħala tali.

Dispożizzjoni Finali dwar ir-Reviżjonijiet

- 1.38. Dawn il-Linji Gwida għandhom jiġu suġġetti għal reviżjoni mill-EIOPA.